MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 97/2003/3

**Carmelo Farrugia**

**vs**

**Grezzju Farrugia u Mario Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settemrbu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2003 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jizgombraw il-gebel u materjal li ghamlu fil-passagg komuni fit-tlettax (13) ta' Frar 2002 fir-raba imsejha 'Tal-Papa' fil-limiti ta' Hal Far/Birzebbuga kif ghadu sa llum u dan bil-ksur

tal-kundizzjoni kontrattwali tal-iskrittura privata tal-hdax (11) t'Ottubru 1995, kopja annessa li tirregola l-uzu tar-raba mill-partijiet mikrija lilhom flimkien mal-attur minghand il-Gvern kif ukoll li jkunu kkundannati li ihallsu l-multa ta' elf lira maltin (LM1,000) kull wiehed talli kisru l-kundizzjoni tal-iskrittura kif provdut mill-istess artikolu 5, inkluz kull penali ohra provduta sakemm idumu jiksru l-istess skrittura.

Ghal finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ta' din il-Qbiela huwa ta' tlieta u erbghin lira maltin u sebgha w ghoxrin centesmu (LM43.27) fis-sena.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2001, kontra l-konvenuti ngunti 'n subizzjoni.

Rat in-nota t'ecezzjonijiet tal-konvenuti kif prezentata nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'April 2003 fejn eccepew s-segwenti:-

a. Illi preliminarjament in-nullita tal-avviz u dan peress illi l-ghalqa mertu tal-kawza tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti rispettiva tal-partijiet, izda l-kawzi saru kontra wiehed mill-konjugi.

b. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni jigi fit-tieni lok eccepit illi ma kien hemm ebda ksur ta' obbligazzjoni li l-konvenut setghu kkuntrattaw mal-attur kif allegat mill-attur fl-avviz.

c. Fit-tielet lok jigi eccepit li l-konvenuti bl-ebda mod ma pprivaw lill-attur mit-tgawdija tieghu ghal xi parti minn din ir-raba li huwa mikri lill-kontendenti *in solidum* mad-Direttur tal-Artijiet.

d. Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-sebgha (7) ta' Mejju 2003 xehed **Carmelo Farrugia** w ikkonferma li huwa flimkien ma hutu l-konvenuti jikru l-art maghrufa 'Tal-Papa' minghand il-Lands Department. Qal li fil-bidu kienu jahdumha flimkien, izda wara certu zmien kienu qasmuha u kullhadd kien ha l-bicca tieghu u dan permezz ta' divizjoni li saret quddiem Dr. A.P. Farrugia skond id-dokument a fol. 2. Qal li 'n segwitu, kullhadd beda jahdem il-parti tieghu, ghalkemm ftiehmu li l-isqaq u fejn hemm il-parti tal-ilma, jibqghu 'n komuni.

Ikkonferma li nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2002 kien mar fl-ghalqa u sab vjagg gebel fin-nofs tal-isqaq. Huwa esebixxa zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. CF 1 u CF 2 u spjega li wara kien anke ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija u li llum hemm ukoll proceduri l-Qorti dwar dan ir-rapport.

Ikkonferma li xi tlett ijiem wara li kien ipprezenta l-avviz odjern, kien mar l-ghalqa u sab il-passagg liberu, ghalkemm il-gebel ma tnehhix minn fuq il-post u kien qieghed ma gemb l-isqaq. Jghid li l-gibjun jisnab ma gemb dan l-isqaq u l-gebel qed jostakola d-dhul tal-ilma fil-gibjun. Mistqosi jekk kienx hemm fejn jitpogga i-gebel, l-attur wiegeb fl-affermattiv stante li l-ghalqa fiha erbgha w tletin (34) tomna.

Illi fl-erbatax (14) t'Ottubru 2003 in kontr'esami jghid illi il-gebel itellef il-gibjun ghaliex wiehed ma jistax jinzel bl-ingenji hdejh. Trid bilfors tinzel bil-gaffa sabiex tnehhi l-gebel li ghamlu l-konvenuti. Qal li l-gibjun nadfu darbtejn a spejjes tieghu. Mistoqsi jekk il-gebel gabuhx ħut l-konvenut sabiex jaghmlu xi xoghol fil-parti komun, jghid li ma jafx ghaliex ma qalulu xejn. Mistoqsi jekk hutu qalulux li l-passagg irid jitranga, jghid li hutu ma qalulu xejn minn dan. Jghid li kien mar fuq il-post sab borġ gebel tat-terrapien fuq il-passagg. Jghid li bejn l-ahwa gili sar xi diskors li l-pasagg kellu

jitranga. Jikkonferma li nonostante dan il-gebel bir-rigel seta' ighaddi minn kullimkien.

Illi fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2003 xehed **Dr. A. P. Farrugia** wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali mill-partijiet. Huwa gie muri id-dokument esebit a fol. 2 ta' l-atti w ikkonferma li dan gie redatt minnu. Qal illi huwa kien gie avvicinat minn Carmelo Farrugia li qallu li kellu x'inkwiet ma hutu rigward id-drittijiet li kellu fuq l-ghalqa. Huwa ghalhekk kien laqqa l-partijiet kollha w irrediga l-ftehim esebit u l-ghan kien sabiex tigi solvuta l-problema li kellhom rigward l-uzu tal-art. F'din l-iskrittura hemm referenza ghall-pjanta annessa mal-ftehim li tindika liema hija t-territorju 'n kwistjoni u liema parti sejjer jahdem kull parti bil-ghan li ma jfixklux lil xulxin.

Spjega li l-partijiet kienu vjolenti w ghalhekk kien ha hsieb biex jikteb penali f'kaz li jkun hemm xi parti li ma tonorax dan il-ftehim. Il-penali tinsab espressa fl-artikolu 5. Qal li ghall-ewwel kien hemm kalma bejn il-partijiet, izda wara ftit bdew jitlewmu mill-gdid w ghalhekk kien baghthom ghand avukat iehor.

**John Farrugia** xehed nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2003 u qal li huwa jigi bin l-attur w ikkonferma li fit-tlettax (13) ta' Frar 2003 huwa kien mar bil-vettura tieghu fir-raba ta' missieru, izda ma setax jghaddi ghax sab il-gebel fin-nofs tal-isqaq. Huwa gie muri r-ritratti esebiti u mmarkati bhala Dok. CF 1 u CF 2 u kkonferma li dawn juru dak li kien hemm. Huwa akkompanja lil missieru l-ghassa sabiex jaghmel rapport. Ikkonferma wkoll li f'Jannar tas-sena 2003 regghu tpoggew zewg vjaggi gebel fl-isqaq w ghalhekk missieru kellu jghamel kawza. Ikkonferma li tlett ijiem wara li giet intavolata l-kawza, l-gebel tnehha, izda tpogga ma gemb l-isqaq, ma gemb il-gibjun u b'hekk m'ghandhomx access ghall-gibjun.

Rat in-nota tal-atturipprezentata fl-atti nhar it-tnejn (2) ta' Gunju 2003 li permezz taghha huwa pprezenta pjanta 'n sostituzzjoni ghal dik annessa mal-iskrittura tal-hdax (11) t'Ottubru 1995, kif ukoll kopja tar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri mmarkata bhala Dok. VS 1.

In kontr'esami nhar il-hamsa (5) ta' Novembru 2003 ighid li huwa ma kienx parti mill-ftehim li sar bejn missieru u hutu. Ikkonferma li l-isqaq mertu tal-kawza huwa wzat ukoll minn terzi u jghid li hemm ukoll dhul iehor ghall-ghalqa izda dan huwa l-boghod, irid jaqsam ir-raba kollha u jghaddi minn hdejn il-gibjun. Ikkonferma li l-isqaq ghamel zmien twil imharbat u li kien hemm diffikolta biex ighaddu bil-karozza. Jghid li missieru l-attur ma kienx tahom permess sabiex isir dan ix-xoghol. Jikkonferma li l-gebel kien f'nofs il-passagg w ikkrejalu ostakolu tant li ma setax jahdem l-ghalqa liberament.

**Grezzju Farrugia** xehed permezz ta' affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol. 39 u kkonferma li huwa ghandu ghalqa mqabbla lilu flimkien ma hutu l-attur u l-konvenut l-iehor it-tlieta flimkien. Ikkonferma li bejniethom l-ahwa kien hemm l-inkwiet u kienu fthemu ghand l-avukat Dr. A. P. Farrugia li jaqsmu l-istess ghalqa u kull parti tkun taf liema parti ghandha tahdem hi w ghalhekk kienu ghamlu dik il-qama esebita fl-atti a fol. 2. Jghid pero li qasma formali qatt ma kienu ghamlu. Jghid li l-passagg baqa' 'n konumi ghat-tlieta li huma. Jghid li dan il-passagg ghamel zmien twil imharbat u huh l-attur qatt ma kien dahal go fih b'xi vettura u jghid ukoll li l-attur qatt ma ried jirrangah. Jispjega li huwa u huh Mario ddecidew li jirrangaw dan il-pasagg minkejja li l-attur ma riedx.

Jispjega li huwa u Mario bdew ix-xoghlijiet billi l-ewwel wittew l-art u dan sabiex ikunu jistghu jidhlu bl-affarijiet u bil-vetturi. Wara ghamlu kanal halli l-

ilma jghaddi minn go fih bl-iskop li l-ilma imur fix-*shelter* li hemm taħt l-ghalqa fin-naha li juzaw huma. Fil-fatt ighid li llum dan ix-*shelter* huwa mimli bl-ilma. Jghid li peress li ghamlu t-trinka u l-ilma beda imur lejn ix-*shelter* kien mehtieg li jibnu hitan sabiex jigi evitat il-perikolu li jista jkun hemm. Ghalhekk kellhom igibu il-gebel li kien hemm u poggewh fil-passagg ghall-ewwel b'tali mod li persuna tkun tista tghaddi mill-passagg bir-rigel. Jghid li dan il-gebel qatt ma seta kien ta' ostakolu ghal huh l-attur ghaliex fil-fatt bil-vettura qatt ma kien dahal qabel. Ikkonferma li l-gebel ma tpoggiex kollu fil-passagg, izda tpogga kull fejn kien hemm bzonn dan il-gebel. Huma xtaqu jibnu l-hajt tal-vaska u tax-*shelter* w ghalehkk poggewh hemmhekk.

Jghid li l-attur kien ipprezenta kawza quddiem il-Magistrat Padovani Grima u din il-Magistrat kienet issuggeriet li jigi perit u jara kemm hemm spejjez u dan sabiex jithallsu bejnhom it-tlieta. Jghid li ghall-ewwel l-attur accetta izda wara ma accettax u biddel fehmtu. Ikkonferma li l-hsieb taghhom li jpoggu l-gebel ma kienx sabiex ifixklu lill-attur, izda sabiex jaghmlu ix-xoghol li kien hemm bzonn. Jghid li hemm ukoll terzi li jghamlu uzu minn dan il-passagg fosthom certu Joseph Muscat li qatt m'ilmenta maghhom.

In kontr'esami nhar it-tlieta (3) ta' Dicembru 2003 ighid li kien dejjem hu u huh Mario li wettew l-isqaq. Qal ukoll illi wara li huma kienu irrangaw l-isqaq, l-attur kien dahhal xi materjal w ghamel xi xoghol huwa ukoll. Ikkonferma li l-gebel huma nehhewh minn nofs l-isqaq qabel m'ircevew l-avviz ghal Qorti.

**Mario Farrugia**, l-konvenut ukoll xehed permezz tal-affidavit (fol. 61) w ikkonferma dak kollu li qal huh Grezzju fl-affidavit tieghu. Ikkonferma ukoll li l-iskrittura esebita kienet intiza sabiex kull parti tkun taf liema parti tal-ghalqa ghandha tahdem.

Ikkonferma wkoll li kemm hu kif ukoll Mario hassew il-htiega li jirrangaw il-passagg u kien ghalhekk li hadu xi gebel fl-isqaq. Jghid li l-attur ma kienx interessat sabiex ighamel xi xoghol f'dan l-isqaq. Jispjega li anke xi erbgha snin qabel kien ghamel xi xoghol simili u l-attur la kien ghenu u lanqas kien waqfu.

In kontr'ezami nhar it-tlieta (30 ta' Dicembru 2003 ighid li huwa kien talab lill-attur sabiex jirrangaw l-isqaq u dan qallu li ma riedx jaghmel spejjez ghaliex kellu minn fejn ighaddi. Ikkonferma li lil huh qatt ma waqfu milli juza l-isqaq. Mistqosi jekk l-attur kienx jidhol bil-karozza, ighid li l-isqaq kien imharbat w ghalhekk kien ighaddi minn bnadi ohra bil-vettura, izda meta rrangaw l-isqaq, beda ighaddi minn hemm ukoll.

**Emanuel Spiteri** xehed nhar il-hamsa (5) ta' Novembru 2003 fejn qal li huwa kien jiffrekwenta l-ghalqa mertu tal-kawza regolarment. Jghid li jaf li l-isqaq jintuza mill-partijiet kollha tal-kawza. Ikkonferma li l-konvenuti kienu qed ighamlu xoghol fil-passagg pero access kien ghad hemm. Jghid li huwa fil-fatt ghen lill-konvenuti f'dan ix-xoghol u cioe it-thaffir ta' trinka fil-passagg sabiex ma jintilifx l-ilma. Jghid li illum il-gebel tnehha u l-passagg ittranga kollu u anke il-hajt ta' ma gemb il-gibjun tranga.

**Christopher Farrugia** bin il-konvenut Grezzju xehed nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2003 fejn qal li huwa jmur l-ghalqa ta' missieru ta' sikwit kuljum u li missieru kemm il-darba sewwa il-passagg. Jghid li kien hemm zmien meta l-passagg tant kien imharbat li lanqas bil-karozza ma setgha jidhol izda illum dan jinsab fi stat tajjeb ghaliex missieru u zijuh Mario, ghamlu diversi xoghlijiet fih. Jikkonferma li l-attur w uliedu gieli jidhlu mill-passagg mertu tal-kawza u gieli minn passagg iehor. Jikkonferma li m'ghadx hemm gebel fl-isqaq li jostakolaw il-passagg.

Illi fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru 2003 giet esebita r-relazzjoni redatta mill-Perit Valerio Schembri u fiha hemm indikat li l-ispejjez li gew inkorsi ghax-xoghol li sar fuq dan il-passagg jammontaw ghal LM12,100.

Illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) t'April 2004 deher Dr. Thomas Abela ghall-attur w iddikjara li kien qed jiritra l-ewwel talba tieghu u cioe sabiex il-Qorti tordna lill-konvenuti sabiex inehhu l-gebel u materjal li tefghu fl-isqaq u dan ghaliex kien diga tnehha. Iddikjara wkoll li kien qed jirtira t-talba ghall-penali minnu mitluba a bazi tal-artikolu 5 tal-fethim esebit a fol. 2.

Illi nhar it-tletin (30) ta' Gunju 2004 inghatat is-sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta fejn laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u cahdet it-talbiet attrici.

Illi minn din is-sentenza gie intavolat Appell u nhar is-sittax (16) ta' Marzu 2005 il-Qorti tal-Appell iddecidiet din il-kawza billi rrevokat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u rrimandat l-atti quddiem din l-istess Qorti diversament preseduta sabiex issir trattazzjoni u tinghata decizjoni dwar il-kwistjoni tal-penali li kienet dovuta fis-somma ta' LM50 kuljum f'kaz ta' ksur tal-ftehim.

Illi ghalhekk nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2005 rega' xehed l-attur **Carmelo Farrugia** w ikkonferma li l-ingombru msemmi minnu fix-xhieda tieghu precedenti, dam sena u cioe mit-tlettax (13) ta' Frar 2003 sa Frar tas-sena 2004. Mistoqsi ghalhekk jekk tul din is-sena xorta baqax jahdem l-ghalqa, l-attur iwiegeb fl-affermattiv u jghid li kien jidhol gol-ghalqa minn band'ohra. Mistoqsi jekk l-ostakolu kienx jikkonsisti fil-gebel li kien qed jintuza biex jitrangaw il-hitan, ighid li ma jafx ghaliex l-konvenuti ma qalulu xejn. Mistoqsi jekk kienx minnu li kien mar il-Perit Valerio Schembri fl-

ghalqa sabiex jaghmel stima tax-xoghol, wiegeb fl-affermattiv u qal li kienu t-tlieta hemm meta mar il-Perit Valerio Schembri mqabbad mill-Qorti u jikkonerma li l-konvenuti bdew juru lil perit dak ix-xoghol li kienu ghamlu huma.

Illi nhar it-tlieat w ghoxrin (23) ta' Mejju 2006 l-konvenuti pprezentaw rikors fejn talbu li jigu awtorizzati li jipprezentaw nota t'eccezzjonijiet ulterjuri fejn eccepew is-segwenti:-

*a. "Illi l-attur huwa sprovist mill-interes guridiku rikjest mill-ligi u konsegwentement mhuwiex il-legittimu kontradittur."*

Illi b'digriet tal-Qorti tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Mejju 2006 il-Qorti laqghet it-talba.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'Ottubru 2006 xehed **Frank Mizzi**, fil-kapacita tieghu ta' Principal Technical Officer in rapprezentanza mad-Dipartiment tal-Lands. Ikkonferma li l-kontendenti f'din il-kawza kienu nghataw kirja bin-numru 51941 f'Hal Far u fil-fatt ipprezenta il-ftehim li gie mmarkat bhala Dok. FM 1, u mieghu esebixxa wkoll pjanta li turi il-konfini tal-art in kwistjoni. Ir-riferenza tad-dipartiment hija LD228/81. Spjega li fit-tmienja (8) ta' Marzu 2006 gew rikonoxuti wlied l-attur minflok il-genituri taghhom tal-qbiela tal-istess art. Huwa esebixxa kopja ta dan ir-rikonoxximent li gie mmarkat bhala Dok. FM 2. Jghid li pero f'ghajnejn id-dipartiment ir-raba mertu ta' din il-kawza ghadu mizmum *in solidum* bejn ulied l-attur u l-konvenuti. Mistoqsi jekk kienx hemm xi tentattiv sabiex ir-raba jinqasam, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv pero qal li ma kienx intlahaq ftehim.

Illi fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2007 il-partijiet ittrattaw il-kawza u cioe it-talbiet

kollha u qablu li tinghata sentenza fuq it-talbiet kollha ndikati fl-avviz promotur.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Marzu 2007 inghatat sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet premessi fejn dik il-Qorti kienet iddikjarat li l-attur m’ghandux interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri w ghalhekk m’ghandux *locus standi* u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici.

Illi ‘n segwitu sar appell minn din id-decisjoni u din il-vertenza giet deciza mill-gdid mill-Qorti tal-Appell b’sentenza li nghatat fl-ismijiet premessi nhar it-tletin (30) t’Ottubru 2008 fejn dik il-Qorti rrevokat ghal darb’ohra s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta u ddikjarat li l-attur ghandu interess guridiku u rreferiet il-kawza lura lejn din il-Qorti sabiex jigi deciz il-mertu.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta, u dan ghaliex m’huwiex kontestat lanqas li l-konvenuti qabdu u hattew tlett vjaggi gebel fil-pasagg. Jirrizulta wkoll li kien hemm xoghol estensiv li sar u dan skond ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri u dan ghaliex l-istima moghtija minnu ghal dan ix-xoghol, lahaq is-somma ta’ LM12,100.

B’hekk m’hemmx dubbju li ghal xi zmien qasir sakemm saru xi xoghlijiet minnhom waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet, ma kienx hemm passagg liberu fl-isqaq.

Illi l-attur ghalhekk qed isostni li l-konvenut kiser il-ftehim li jirregola r-relazzjoni ta’ bejnu u hutu l-konvenuti ghaliex kisru l-artikolu 5 tal-ftehim datat hdax (11) t’Ottubru 1995 (Dok. CF 01 fol. 2). Ma hemmx dubbju li dan il-ftehim huwa *pacta sunt servanda* bejn il-partijiet w ghalhekk il-Qorti ghandha taghmel apprezzament ta’ dak li

effettivament kienu ftiehmu u dan sabiex tara jekk effettivament, bl-agir taghhom. il-konvenuti kisrux l-ispirtu ta' dan il-ftehim.

**L-artikolu 5** jiddisponi s-segwenti:-

"*Il-partijiet jiftiehmu li jekk xi parti jew iktar minn parti wahda b'xi mod jostakola lil parti jew partijiet l-ohra fl-uzu esklussiv tal-partijiet hawn moghtija, jew b'xi mod juza, jusurpa jew idawwar ghalih l-uzu ta' parti mill-art li ma tkunx dik il-parti li messet lilu skond dan il-ftehim, kull parti li jikser dan il-ftehim, bil-mod kif qed jintqal, jehel multa ghall-ksur ta' dan il-ftehim ta' elf lira maltin (LM1,000) u jekk dan il-ksur jippersisti ghal aktar minn gurnata wahda, jehel ukoll multa ta' hamsin lira maltin (LM50) ghal kull gurnata li jibqa jkun hemm dan l-ksur tal-ftehim*."

Illi minn esami tal-process jirrizulta li l-attur irrnunzja ghal penali tal-LM1,000 izda zamm ferm ghal penali dovuta lilu ta' LM50 kulljum sakemm jibqa jippersisti l-ostakolu.

Illi mill-kliem testwali ta' dan l-artikolu jirrizulta li parti hija responsabbli ghal hlas ta' penali jekk tostakola lil parti l-ohra jew partijiet meta b'xi mod tuza tusurpa jew iddawwar ghaliha l-uzu ta' parti mill-art li ma tkunx dik il-parti li messet lilha skond il-ftehim.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li verament l-konvenuti poggew il-gebel fl-isqaq li hija proprjeta komuni, izda dan ghamluh mhux biex idawwru ghalihom din l-imsemmija parti tal-art jew sabiex jusurpawha, izda sabiex isewwu l-hsara li kien hemm a beneficcju tal-partijiet kollha, nkluz l-attur. Anzi jirrizulta li l-konvenuti qabdu u wittew l-ghalqa u rrangaw il-hitan u dahlu f'hafna spejjez sabiex jimmeljoraw l-isqaq in komuni. Mistoqsi l-attur jekk kienx ostakolat milli jidhol f'dik il-parti tal-

> ghalqa li jahdem hu, wiegeb li ma kienx il-kaz ghaliex dahal minn parti ohra.
>
> Ghaldaqstant l-Qorti, wara li qiset il-fatti specie tal-kaz w ghamlet apprezzament tal-provi, jirrizulta li t-talba attrici sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh il-penali ta' hamsin lira maltin kulljum, ma hiex gustifikata.
>
> Il-Qorti ma hiex ser tikkumenta ulterjorment dwar it-talbiet attrici, stante li dawk gew irtirati seduta stante.
>
> Ghaldaqstant, il-Qorti taqta u tiddecidi billi tichad it-talba attrici ghal kundanna tal-hlas ta' penali fis-somma ta' hamsin lira kulljum (LM50) u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra billi dawn gew irtirati minn l-istess attur.
>
> Tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut li ma kien hemm ebda ksur tal-ftehim w ghalhekk tilqa wkoll l-eccezzjoni taghhom li ma ipprivawx lill-attur mit-tgawdija tal-ghalqa tieghu u tichad dik l-eccezzjoni tal-konvenut li l-attur mhux il-legittimu kontradittur kif eccepit minnu fin-nota t'eccezzjonijiet ulterjuri tieghu.
>
> L-ispejjez kollha ta' din il-kawza huma a karigu tal-attur."

L-appell ta' l-attur minn din is-sentenza hu suddiviz fl-aggravji li gejjin:-

1. L-ewwel Qorti ma hadetx konjizzjoni sewwa ta' l-atti tal-kawza ghaliex spiccat biex cahdet talba li kienet diga` rtirata;

2. Il-fatti jsostnu t-tezi tieghu illi l-gebel imqieghed mill-konvenuti fl-isqaq sar biex ifixkluh milli jkompli jgawdi l-ghelieqi tieghu u l-parti komuni ta' l-isqaq,

u dan bi ksur lampanti tal-klawsola 5 tal-ftehim ta' bejniethom;

3. L-ispejjez tal-kawza ma kellhomx jigu akkollati kollha fuqu, kompriz dawk ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li gew ghal darba, darbtejn respinti mill-Qorti ta' l-Appell;

Minghajr ebda ezitazzjoni l-Qorti ssib li l-ewwel aggravju hu teknikament fondat in kwantu hu manifest illi l-ewwel Qorti ma kkaptatx kif imiss il-konsiderazzjonijiet zvolti minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' Marzu, 2005 (fol. 106) fuq appell li gie devolut lilha mill-attur mid-decizjoni tal-Qorti Inferjuri tat-30 ta' Gunju, 2004 bejn l-istess partijiet. Proprju f'dik is-sentenza taghha din il-Qorti, kif presjeduta, kienet irragunat, fuq l-interpretazzjoni taghha tal-verbal tas-27 ta' April, 2004 (fol. 82), illi dak li l-attur kien, b'dan il-verbal, qieghed jirrinunzja ghalih kienet it-talba tieghu ghal kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tal-penali konvenzjonali, "*da liquidarsi*" ta' hamsin lira ghal kull gurnata ta' nuqqas kif mill-iskrittura ta' ftehim (11 ta' Ottubru, 1995, fol. 2) ikkontemplat. Mhux ukoll pero ghal multa prestabilita ta' elf lira ghal ksur tal-ftehim ukoll prevvista fi klawsola 5 ta' l-iskrittura. Jikkonsegwi minn dan illi l-bazi tad-decizjoni appellata fil-punt tat-tluq tal-parti razzjonali taghha hu zbaljat in kwantu mhux konformi ghall-gudikat kostitwit bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu, 2005;

F'kull kaz, ukoll b'dak l-izball, is-soluzzjoni tal-kwestjoni li l-ewwel Qorti kellha quddiemha kienet tiddependi mill-valutazzjoni tal-provi ghal liema ghamlet rikjam din il-Qorti fil-precitata sentenza taghha fejn ordnat illi l-ewwel Qorti, li lilha gew rimessi l-atti, kellha "tivvaluta u tezamina wkoll jekk jezistux cirkostanzi specjali ghal moderazzjoni tal-multa, una volta, kif saput, multa jew penali f'kuntratt tirrapprezenta kumpens ghad-danni minhabba non-adempjenza jew infrazzjoni ta' l-istess kuntratt";

Huwa forsi wkoll opportun illi hawnhekk issir din ir-riflessjoni agguntiva. F'kazijiet ta' din ix-xorta, konsistenti fi kwestjoni vertita bejn ahwa in materja ta' *modus operandi* f'kaz ta' raba', il-qorti adita fil-mertu trid toqghod ferm attenta li taghraf tiddistilla mill-matassa tal-provi l-kondotta genwina minn wahda kapriccjuza u ta' inkejja, kif ukoll illi l-gudizzju diskrezzjonali taghha kien qieghed jigi sollecitat ghal vera tutela tad-dritt li jkun hekk allegat li gie ppregudikat, u mhux ukoll ghas-semplici pika li, kif saput, f'kazijiet simili ftit jew wisq iggorr il-piz taghha;

Maghmula din il-premessa, il-fatti l-aktar saljenti tal-kawza qeghdin jigu, telegrafikament, ri-epilogati kif gej:-

(1) Fit-13 ta' Frar, 2002, kif aktar tard varjata ghat-13 ta' Frar, 2003 (xhieda attur, seduta 13 ta' Lulju, 2005, fol. 119) tqieghed mill-konvenuti vjagg gebel f'nofs l-isqaq (ara deposizzjoni ta' l-attur, seduta 7 ta' Mejju 2004, fol. 16) li, imbaghad, tnehha tlett ijiem fuq li l-attur ipprezenta l-Avviz;

(2) L-attur iddikjara li lilu dak il-gebel fl-isqaq kien qed idejqu ghaliex itellfu l-ilma milli jidhol fil-gibjun u, jekk kien ikollu bzonn inaddfu ma setax;

(3) Fil-versjoni tal-konvenuti (ara Affidavits taghhom a fol. 59 u 61) huma dahhlu l-gebel fl-isqaq u wkoll xi terrapien biex iwittu l-istess sqaq u jirrangaw il-hajt tal-gibjun, dak tal-vaska u tas-shelter;

(4) L-attur jghid li hu ma kienx jaf li l-gebel ingieb biex isir xoghol fuq il-parti komuni ghaliex hutu ma nformawh b'xejn u qatt ma avvicinawh (ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 54 u fol. 119). Dwar dan il-konvenuti jirribattu illi lill-attur informawh bil-htiega li l-isqaq jigi rrangat izda dan gharrafhom li ma riedx jaghmel spejjez anke ghaliex kellu minn fejn jghaddi (ara kontro-ezami tal-konvenut Mario Farrugia a fol. 70);

(5) Rilevanti li jigi notat illi dejjem skond ma xehed l-attur, "gieli sar diskors bejnietna li l-passagg kellu

jitranga" (fol. 54), aktar 'il quddiem zmentit minnu a fol. 120, u li bil-mod kif tpogga l-gebel seta' jghaddi bir-rigel ghax hu seta' hekk jaghmel minn kullimkien gjaldarba, *ex-concessis*, "l-ghalqa li nuza jien ghandha dhul iehor mit-triq kollha principali" (fol. 55);

Mill-kumpless ta' dawn il-provi hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti illi l-*pound of flesh* konsegwit mill-attur minghand il-konvenuti hutu m'ghandiex bazi legittima f'dik il-kontravvenzjoni prospettata fi klawsola 5 tal-ftehim. Mhix accettabbli s-sottomissjoni dedotta mill-attur illi b'dak li ghamlu l-konvenuti hu gie mfixkel milli jissokta bil-benefikati li kien qed jaghmel fl-ghalqa tieghu u "drastikament limitat" fit-tgawdija taghha. Jekk xejn, ghaliex kif ammess minnu, hu kellu mod aktar agevoli mit-triq principali biex jaccedi ghar-raba' tieghu li hu baqa' jahdem, kif ukoll ghal gibjun li, kif mistqarr minnu, hu stess naddfu darbtejn a spejjez tieghu (fol. 54). Bil-kontra, il-probabilita` li tinzel mill-fatti tissuggerixxi lill-Qorti illi l-attur verament ma riedx jippartecipa fl-erogazzjoni ta' l-ispejjez biex jigi rrangat l-isqaq u ghal-liema l-konvenuti dahhlu l-gebel u t-terrapien. Konsiderazzjoni din dettata lilhom minn dik in-necessita, u mhux ukoll, biex fi kliem l-iskrittura, "juzurpaw jew idawwru ghalihom" dak l-isqaq komuni (klawsola 5). Minn dan kollu konsiderat tinzel logika ghal din il-Qorti l-konsegwenza illi, fil-mertu, il-pretensjoni ta' l-attur appellanti ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tal-multa ta' elf lira ma ghandha l-ebda sostenn, la fattwali u lanqas guridiku. Dan igib li t-tieni aggravju tieghu mhux fondat u qed jigi rigettat;

Kwantu ghat-tielet motiv ta' aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjez jigi qabel xejn notat illi fiz-zewg appelli antecedenti intavolati mill-attur din il-Qorti kienet ipprovvdiet dwarhom billi fuq l-ewwel appell, deciz, kif inghad fis-16 ta' Marzu, 2005, ippronunzjat li dawn ghandhom jibqghu bla taxxa u fil-kaz tat-tieni appell deciz fit-30 ta' ottubru, 2008 ikkundannat dwarhom lill-konvenuti. Fil-kaz prezenti s-sentenza appellata li finalment ddefeniet il-mertu ma tbeghdetx mid-dixxiplina

regolatrici fl-Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 meta kkundannatu jhallas l-ispejjez u, allura, ma hemmx raguni biex din il-Qorti tvarja l-provvediment dwar il-kap ta' l-ispejjez ghax dan hu gustifikat.

Ghal motivi kollha suesposti, filwaqt li tiddikjara li ssib teknikament fondat l-ewwel kap ta' aggravju, tirrespingi z-zewg aggravji l-ohra ta' l-attur appellanti, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------